MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 1713/2002

**Victor u Dolores sive Denise konjugi Vella**

**Vs**

**Christopher Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Lulju, 2002 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' tmien mija u sebgha u erbghin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu, llum ekwivalenti ghal Euro 1,973.56c jew somma verjuri rapprezentanti danni kawzati fil-vettura proprjeta` tal-attur meta fis-17 ta' Lulju, 2000 fi Triq Guze Cali, Msida l-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni M733UJH habat ma` dik ta` l-attur bin-numru EAP 558 li kienet ipparkeggjata prevja dikjarazzjoni fis-sens li l-istess konvenut kien unikament responsabbli ghall-istess incident.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali ntavolata kontestwalment ma` dan l-avviz u ta` l-ittri legali datati 9 ta' April, 2001 u 10 ta' Gunju, 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut datata 31 ta' Lulju, 2002 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi jafferma li ma kienx involut f'ebda ncident tat-traffiku fid-data ndikata tas-17 ta` Lulju, 2000 u f'kaz li l-atturi qed jaghmlu referenza ghall-incident li nqala` nhar il-11 ta' Lulju, 2000, din l-azzjoni hija allura preskritta ai termini ta` l-artikolu 2153, Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghal premess jafferma li l-htija ta` l-incident kellu jaqa` fuq Joseph Matthew Fiteni ta` Hilarion House, 16, Triq l-Istefanotis, San Gwann.**

**Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.**

**Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-partijiet.**

**Ikkunsidra.**

**Illi fil-kaz in ezami ser tassumi importanza sostanzjali d-data proprja ta` l-incident peress illi f'kaz li jirrizulta li tassew dan gara fil-11 ta` Lulju u mhux fis-17 ta' Lulju, 2000, allura jkun minnu li din l-azzjoni tkun preskritta kif sollevat mill-konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghu u dana peress illi l-odjern avviz gie pprezentat fit-12 ta' Lulju, 2002 cioe` gurnata wara li jkun ghalaq il-perjodu preskrittiv ta` sentejn.**

**Illi ghalhekk dan it-Tribnal ser jibda` biex jiddibatti dan il-punt u dana anke peress illi fuq il-meritu ftit li xejn tresqu provi kuntrarji dwar ir-responsabbilita` tal-konvenut hlief ghal dawk fejn jirrikwardaw il-kwantum ta` l-istess.**

**L-attur Victor Vella xehed li l-incident sehh fis-17 ta` Lulju, 2000. In kontro-ezami jafferma li jiftakar id-data**

**kemm mill-memorja tieghu u kif ukoll mid-data li tnizzlet fuq l-iskecc tal-pulizija. Huwa jispjega li kien dam kwazi sena biex jaghmel is-survey peress illi baqa` jigri wara l-assikurazzjoni tal-konvenut ghal hafna zmien sabiex jithallas u meta ma rnexxielux, qabbad surveyor privat.**

**It-Tribunal jinnota li saru diversi tentattivi li hadu hafna zmien sabiex jigi rintraccjat l-ex PS 429 Mark Schembri li jidher li kien l-uffccjal li ghamel ir-rapport u l-izkizz meritu tal-kaz odjern. Sa fl-ahhar tela` jixhed l-Ispettur innifsu mill-ghassa ta` l-Msida li ezebixxa dan ir-rapport immarkat Dok. SG1. Skond dan ir-rapport hemm imnizzel li d-data ta` l-incident kienet is-17 ta' Lulju, 2000. L-avukat difensur tal-konvenut fit-trattazzjoni tieghu jirrimarka li huwa punt interessanti l-fatt li l-ufficcjal tal-pulizija li dahhal ir-rapport cioe` PS 429 Mark Schembri fil-fatt kien indika lilu nnifsu fuq l-istess rapport bhala "EX" PS 429, u dan il-konsulent legali kwindi jargumenta li din tista` tkun indikazzjoni tal-fatt li r-rapport ikun iddahhal zmien wara id-data ta` l-incident peress illi fid-data tal-incident wiehed jassumi li Mark Schembri kien ghadu mal-Korp. Illi ghalhekk meta dan dahhal ir-rapport fis17 ta' Lulju, 2000 u ndika lilu bhala "EX PS" dan ifisser li l-incident sehh qabel, liema argument imur biex jissostanzja l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut. L-Ispettur Stephen Gatt jispjega li d-data fuq ir-rapport tkun id-data meta jkun iddahhal l-istess rapport. Fil-kaz in ezami jidher li d-data u hin tar-rapport huma l-istess bhal id-data u l-hin ta` l-incident, haga stramba ferm, it-Tribunal jinnota peress illi dawn iz-zewg figuri difficli biex jkunu l-istess peress illi naturalment dejjem ighaddi xi ftit tal-hin bejn dak ta` l-incident u l-hin meta jigi rrappurtat.**

**In kontro-ezami dan l-Ispettur tal-Pulizija jkompli jizvela li l-ufficcjal Mark Schembri kien duty second watch kemm nhar is-17 ta' Lulju, 2000 u kif ukoll nhar il-11 ta` Lulju, 2000 u li dan kien spicca mill-korp fis-17 ta' Mejju, 2001. Dwar dan it-Tribunal jinnota li l-**

**Ispettur tal-Pulizija baqa` ma tax spjegazzjoni il-ghala r-rappport gie ffirmat mis-Surgent bhala Ex PS meta fis-sena 2000 kien ghadu fil-Korp sakemm ma hux il-kaz kif qed jissuspetta dan it-Tribunal li r-rapport kien fil-fatt iddahhal minnu hekk kif spicca mill-Korp kwazi sena wara u kien ghalhekk il-ghala dan iffirmah bhala EX PS u mhux bhal PS. Haga sinifikanti wkoll huwa l-fatt li dan l-ufficcjal spicca mill-Korp fis-17 ta` Mejju, 2001 filwaqt li s-survey maghmula mill-attur giet ikkommissjonata fil-21 ta` Mejju, 2001. Illi ghalhekk huwa ferm versosimili kif sehhew ic-cirkostanzi ta` dan il-kaz illi l-verita` tinsab fil-fatt li meta l-attur iddecieda li jipprocedi b'dan il-kaz u qabad is-surveyor f'Mejju tas-sena 2001 gie notat li kien ghadu ma giex imputtjat ir-rapport tal-Pulizija u fil-fatt dan gie rregistrat minn Mark Schembri fiz-zmien meta huwa kien gia` spicca mill-Korp u kien ghalhekk li ffirma lilu nnifsu bhala Ex PS. Illi ghalhekk dan in-nuqqas jista` allura jitfa` dubbju ragjonevoli fuq id-data proprja ta` meta sehh l-incident in kwistjoni.**

**In sostenn tal-allegazzjoni tieghu dwar id-data ta` l-incident il-konvenut ressaq id-dikjarazzjoni guramentata ta` tliet persuni li lkoll ikkonfermaw id-data ta` l-incident bhala dik tal-11 u mhux 17 ta' Lulju, 2000. Dawn ftakru wkoll diversi dettalji ohra dwar l-istess akkadut. L-affermazzjoni guramentata ta` dawn it-tliet xhieda baqghet qatt ma giet kontrollata u / jew kontradetta mill-attur tramite kontro-ezami jew prova ohra.**

**Illi in vista tal-premess ghalhekk, dan it-Tribunal jinsab konvint li l-incident fil-fatt sehh fil-11 u mhux fis-17 ta' Lulju 2000 u ghalhekk meta l-kawza giet intavolata fit-12 ta' Lulju 2002, din kienet gia` tinsab preskritta b'gurnata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jiddikjara li l-azzjoni odjerna tinsab preskritta ai termini ta` l-artikolu 2153, Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta u konsegwentement jirrespingi t-**

**talba attrici b'dan illi t-Tribunal isib li ghandu jkun ekwu u gust li l-ispejjez ta` din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet anke minhabba l-fatt li l-atturi gew certament zvijjati fuq id-data ta` l-incident kif tinsab indikata erronjament fuq ir-rapport tal-Pulizija skond ir-rizultanzi f'dan il-process.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------